**284. L-Onor. Lino Spiteri jipproponi:**

Illi din il-Kamra tar-Rappreżentanti

Wara li rat ir Regolamenti tal-1996 dwar Akkwisti li jsiru mis-Servizz Pubbliku magħmula bis-saħħa tal-Artiklu 4 dwar l-Amministrazzjonj. Finanjarja u l-Verifika (Kap 174);

Wara li qieset li f'din il-materja għandu jkun hemm diskrezzjoni mill-inqas, partikolarment fil-livell politiku, kif ukoll trasparenza sħiħa u fi żmienha dwar kull deċizjoni li tista' tittieħed, kif ukoll sorveljanza indipendenti u oġġettiva tal-proċedura segwita;

Tinnota li r-Regolamenti kif pubblikati ma jissodisfawx biżżejjed dawn l-oġġettivi.

Għalhekk din il-Kamra tar-Rappreżentanti tirrisolvi li temenda dawn ir-regolamenti kif ġei:

1. Artiklu 4 - Ħassar is-sub-artiklu (4) kollu.

2. Artiklu 7 (1) - Wara l-kliem "Meta l-Prim Ministru" żid dan li ġej: ", wara li jkun ikkonsulta ruħu mal-Ministru tal-Finanzi,".

3. Artiklu 7(2) – Wara l-kliem "ma jkunx ser jitkompla jsir" żid dan li ġej: ", f'liema każ id-Direttur għandu fid-dikjarazzjoni tiegħu jgħid għaliex."

4. Artiklu 9 - Fi tmiem l-artiklu żied dal-paragrafu li ġej: "Iżda d-Direttur tal-Verifika jew rappreżentant awtorizzat minnu għandu jkun preżenti f'kull stadju tal-kunsiderazzjoni tal-offerti, mill-ftuħ tagħhom sad-deċiżjoni dwarhom, biex ikun jista' bla ma b'ebda mod jieħu jew jiġi mitlub li jieħu sehem f'xi deliberazzjoni jew deċiżjoni, jissorvelja dak li qiegħed isir ħalli jassigura li l-proċeduri stabbiliti fir-Regolamenti dwar l-Akkwisti jiġu segwiti."

5. Artiklu 15 subartiklu (1) -

a) Ħassar il-kliem "minn tliet xhur wara kull sena finanzjarja" u daħħal minflok il-kliem "minn 30 jum f'kull każ wara l-perjodi Jannar-Ġunju u Lulju-Diċembru f'kull sena finanzjarja";

b) Ħassar il-kliem "dik is-sena finanzjarja" u daħħal il-kliem "dawk is-sitt xhur";

subartikolu (2) – ħassar il-kliem "kemm jista' jkun malajr" u daħħal minflok dan li ġej: ", fi żmien 30 jum jew, jekk il-Kamra ma tiltaqax f'dak il-perjodu, fl-ewwel laqgħa tagħha warajh,".

6. (Regolament 5 (2) (g)) It-Tieni Skeda -

1C. Fil-provdiment, wara l-kliem "Iżda fil-każ" ħassar il-kliem " ta' tneħħija jew ta' tqegħid" u daħħal minflok il-kliem "li ma jinkludix, jew ineħħi, jew iqiegħed".

7. (Regolament 5(2) (k)) It-Tielet Skeda -

9. Neħħi l-kliem kollu minn "iżda wkoll li s-setgħa tad-Direttur" sa "għandha tibqa' tgħodd".

15.05.96